**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 34 – IT-TLIETA, 23 TA' LULJU 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:07pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru (waslet fil-5.10pm) |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti.

1.2. F'dan il-ħin waslet is-Sinj. Vella. Il-ħin kien il-5:10pm.

1.3. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-*Chairperson* semmiet ir-rapport ta' ħruġ ta' ilma li ġie rrappurtat lill-Kunsill Lokali In-Naxxar fir-rigward tal-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Liema rapport ġie mgħoddi lill-Perit Anton Camilleri.

2.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li kellha mal-Ministru Mizzi fejn spjega x'se jagħmel u ma jagħmilx filwaqt li qal li kien se jżur il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli iżda sal-ġurnata ma kienx jidher li għadu żaru.

2.3. Is-Sinj. Cuomo ltaqat mal-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet li kienu qegħdin jgħattu l-wires tal-Ġnien Santa Marija tal-Anġli bil-madum. Kienet preokkupata li dan ix-xogħol ma kienx kif kellu jkun.

2.4. Saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia fejn tkellem mal-Kumitat fuq il-*Caravan Site* li hemm wara l-i*Splash and Fun.* Huwa ddikjara li ma tgħoġbux il-qagħda preżenti madankollu konxju li hemm il-kuntratt u li għalissa jkollu jimxi miegħu. F'dan id-dawl hu ta kelma lill-istess Kumitat li se jara d-dettalji tal-kuntratt.

2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jikteb lill-MEPA, lid-dipartiment tal-Artijiet kif ukoll lill-Ministru dwar il-qagħda ħażina li hemm fil-*Caravan Site*.

2.6. Is-Sinj. Vella wriet d-diżappunt tagħha dwar il-Caravans u t-tined li huma armati fil-*Caravan Site*, wara l-i*Splash and Fun*. Hija sostniet li apparti li l-Caravans

mhumiex permessi, t-tined aktarx li huma hemm mingħajr permess ukoll. Barra minn hekk qegħdin jokkupaw ħafna parkeġġi.

2.7. Is-Segretarju Eżekuttiv semma l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Perit Testaferrata Denoto minn Transport Malta dwar il-kunsiderazzjoni li ssir *hump* fi Triq is-Sikka. Il-Kumitat ma qabilx ma' din l-idea. Ir-raġunijiet huma tnejn: Min-naħa għax il-membri huma konxji li jiswew ħafna flus filwaqt li kemm-il darba ssir, ir-residenti jibdew jagħmlu l-istess talba għal bosta toroq oħra. Apparti dan ukoll il-Kumitat ma jħossx li t-talba hija ġustifikata.

2.8. Is-Segretarju Eżekuttiv semma wkoll ittra oħra li l-Kunsill irċieva mingħand l-uffiċċju tal-Ministru Herrera, liema ittra oriġinat minn Transport Malta. F'din l-ittra Transport Malta resqu talba għall-attenzjoni tal-Kumitat sabiex isiru linji sofor fuq in-naħa opposta tal-baħar kif ukoll sabiex isiru *humps* wara l-i*Splash and Fun*. Madankollu l-membri ma qablux li l-Kumitat għandu jagħmel tali sinjali, wisq iżjed a spejjeż tal-Kumitat. Jekk il-gvern irid però il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsiru u jitħallsu mill-Gvern Ċentrali. Fl-istess waqt però huwa essenzjali li l-Gvern jieħu ħsieb ukoll iż-żona fejn il-gabbana tal-ġelati biex ikun organizzat il-parkeġġ.

## 3. ARTS IN THE PARK

3.1. Kien hemm qbil unanimu li minħabba l-qagħda kritika tal-Ġnien Santa Marija tal-Anġli, l-attività Arts in the Park għandha tiġi ikkanċellata. Barra minn hekk il-flus offruti mill-Gvern għal din l-attività (€1800) huma ftit wisq u l-Kumitat ikollu joħroġ ħafna aktar flus.

3.2. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil unanimu li l-flus li kienu se jintefqu għall-attività, għandhom jintużaw aħjar għal benefiċċju tar-residenti.

3.3. Sadanittant iċ-Chairperson infurmat li l-Kunsillier Galea kien offra li jgħin fl-attività Arts in the Park. Madanakollu, peress li l-attività tħassret, il-Kumitat xtaq xorta waħda jirringrazzja lill-Kunsillier Galea tal-offerta tiegħu.

## 4. ĦWEJJEĠ OĦRA

4.1. Is-Sinj. Vella semmiet il-ħaxix li qiegħed jisporġi 'l barra fuq il-bankina fil-kantuniera ta' Triq Anton Manwel Caruana. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li peress li l-art in kwistjoni hija tal-*Water Services Corporation*, il-Kunsill se jibgħat jgħidilhom sabiex jaqtgħu l-ħaxix.

4.2. Fr Paul Attard bagħat jistieden lill-membri tal-Kumitat, lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-kunsilliera tan-Naxxar għall-festa ta' Santa Marija tal-Anġli ta' Baħar iċ-Ċagħaq li se ssir ħmistax oħra.

4.3. Fir-rigward tal-għoti ta' isem ġdid għal parti minn Triq San Franġisk t'Assisi, Fr Paul Attard bagħat id-diskors li kien għamel fil-Knisja.

4.4. Is-Sinj. Vella semmiet is-sellum li hemm maġenb id-daħla għall-Caravan Site f'Baħar iċ-Ċagħaq, wara l-i*Splash and Fun.* Hija qalet li għalkemm reġa' weħel, ma sarx xogħol siewi l-għaliex l-iskaluni saru b'wiegħsat differenti. Il-Kunsill Lokali In-Naxxar se jinforma lill-uffiċjal inkarigat dwar dan mill-aktar fis.

4.5. Is-Sinj. Vella staqsiet jekk Triq id-Dwieli hix se tinfetaħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalilha li teknikament iridu jkunu r-residenti li jiftħuha.

4.6. Fid-dawl ta' bdil ta' ismijiet, is-Sinj. Cuomo qalet li minħabba raġunijiet personali ma sabitx iċ-ċans li tiltaqa' mas-Sinj. Muscat u ddurhom. Kien għalhekk li sar ftehim bejn is-Sinj. Cuomo u s-Sinj. Muscat sabiex fil-ġimgħa li ġejja jduruhom.

4.7. Min-naħa l-oħra s-Sur Bonello se jitlob stima mingħand fornitur, filwaqt li l-Kunsill se jagħmel dan wara li jsir l-eżerċizju mis-Sinj. Cuomo u s-Sinj. Muscat.

4.8. Is-Sinj. Vella qalet li l-korsijiet kurrenti se jispiċċaw fix-xahar t'Awwissu 2013. Barra minn hekk qalet ukoll li għal issa m'hemmx il-ħsieb li jsiru aktar korsijiet.

## 5. TMIEM IL-LAQGĦA

5.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru, 2013 ghal 5:00pm.

5.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:50pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |